# Wonders of Wales

**Gruppi A 8 - 14 ta'Lulju B 23 – 29 t'Awwissu**

**Inżuru: Windsor, Caerphilly, Cardiff, Swansea, Mumbles Pier, Langland Bay, St. Davids, Tenby, Bristol u Oxford.**

## L-Ewwel Jum

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.15 għat-titjira KM100 li ttir 07.05 u naslu Heathrow fl-09.45. Wara nitilqu bil-kowċ lejn **Windsor**. Min jixtieq għandu l-opportunita' li nżur Windsor Castle (entratura extra). Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Cardiff** ġo Wales imma qabel nieqfu biex naraw il-kastell ta' **Caerphilly** (entratura extra). Mal- wasla tagħna fil-**Radisson Blu Hotel Cardiff- 4 Stars,** issir is-sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal leader

## It-Tieni Jum

Buffet breakfast, ikollna **city tour** madwar il-belt sabiħa ta' **Cardiff** li hi l-akbar u l-belt kapitali ta' Wales. Din il-belt hija l-kapitali taċ-ċentru kummerċjali, il-bażi għal ħafna istituzzjonijiet kulturali u sportivi fuq bażi nazzjonali ta' Wales. Hawnhekk ser naraw il-Knisja ta' San Ġwann il-Battista, Millenium Stadium, il-Kastell, Castle Park, City Hall, National Stadium, il- bajja ta' Cardiff u l-Millenium Centre ta' Wales. Ikollna ħin liberu biex nimxu madwar il-bajja ta' Cardiff. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

## It-Tielet Jum

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Swansea**. Din hija belt kostali f'Wales. Hija t-tieni l-akbar belt wara Cardiff. Fi Swansea ħa naraw il-pjazza tal-kastell, il-Knisja ddedikata lil Santa Marija, National Waterfront u l-Maritime Quarter. Hawnhekk ikollna ħin għall-ikel (extra). Wara nofsinnhar ħa nżuru **Gower Peninsula - Gower** li hija magħrufa għall-kosta tagħha, popolari ma' min iħobb jimxi. Fil-Peninsula ta' Gower inżuru **Mumbles Pier**, fejn tinsab il- lighthouse li tbiet toperi mill-1794 u għada topera sal-ġurnata tal-lum. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna sakemm naslu sa **Langland Bay**, famuża ħafna bħala resort tas-sajf. Langland Bay hija popolari ħafna mas-surfers. Nirritornaw lura l-hotel.

## Ir-Raba' Jum

Wara li nieħdu l-breakfast ikollna ġurnata libera sabiex tkunu tistgħu tgawdu l-belt ta' **Cardiff** bl-attrazzjonijiet li din il-belt toffri.Għal dawk li jħobbu shopping tistgħu żżuru St David Shopping Centre fejn issibu mal-mitejn ħanut.Għad-dilettanti ta' l-isport jistgħu żżuru l-Principility Stadium (entratura extra u booking minn qabel rekommandat). Min jipreferi n-natura, wieħed jista' iqatta' ħin twil fis-sbuħija naturali ta' Bute Park. Dawn l-attrazzjonijiet kollha jinsabu qrib il-hotel.

## Il-Ħames Jum

L-eskursjoni tal-llum ser teħodna fil-belt żgħira ta' **St Davids** iżda l-ewwel nagħmlu waqfa qasira fi **Newgale Beach** li hija bajja mdawra minn ħajt li jservi ta' lqugħ għal villaġġ minħabba xi maltempata u mewġ għoli, madankollu ħafna drabi blat u ġebel imkisser jiġu maħsula fit-triq prinċipali. Wara din il-waqfa nibqgħu sejrin lejn ir-raħal żgħir ta **St Davids**. Din il-belt hija l- iżgħar fl-Ingilterra kemm f'termini ta 'daqs kif ukoll ta' popolazzjoni. Dan huwa l-post fejn huwa midfun San David, qaddis patrun ta' Wales. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Tenby li hija belt turistika mdawra bil-baħar. Hawnhekk naraw Castle beach, il-kastell, il-port tas-Sajjieda, il-Knisja ta' Santa Marija, Tudor Merchants House u il-Gżira ta' Santa Katerina. Ikollna ħin liberu ghall-ikel (extra) u għal shopping ġewwa High Street.

**Is-Sitt Jum**

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bristol**. Ġewwa l-belt ta' **Bristol** naraw l-aktar postijiet ta' interess bħal Pjazza Regina, Millenium Waterfront Square, City Hall, Bristol Cathedral fejn issiru ħafna gradwazzjonijiet u College Green. Naraw Clifton Suspension Bridge u Clifton Observatory. Ikollna ħin liberu għax- xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel, filgħaxija ħarġa mal-leader.

**Is-Seba'Jum**

English breakfast u jkun wasal il-ħin li nħallu l-belt ta' Cardiff u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Heathrow iżda qabel ser inżuru il-belt ta' **Oxford**, fejn se nieqfu għal sightseeing fejn naraw postijiet ta' interess. Ikollna ħin għall-ikel (extra) u xiri ta souvenirs, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Heathrow Airport għat-titjira KM 107 li ttir fis-19.05 u naslu lura Malta fil-23.20.

**Prezz kull persuna**
**Eskursjonijiet u Taxxi nklużi**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1'190 |
| Kamra żewġ persuni | €1'200 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'515 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1'050 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-KM Malta Air : Malta – Londra- Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli – Radisson Blu Cardiff 4-stars
- English breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour leader
- Insolvency protection



EUROPA TOURS
31 St Anne Str. Floriana Tel. 21243562 – 21250526